*l-artikolu 1(a) tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda għall-Kap. 318*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' April, 2021

Appell Inferjuri Numru 21/2020 LM

**Josephine Buttigieg (K.I. 1078546M)**
*("l-appellata")*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mid-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, hawnhekk "l-appellant", minn deċiżjoni tal-**Arbitru tas-Sigurtà Soċjali** (minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"), tat-8 ta' Lulju, 2020 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Arbitru ddeċieda li l-appell intavolat

mir-rikorrenti wara d-deċiżjoni li ħa d-Direttur Ġenerali intimat li jwaqqaf l-Għajnuna għall-Mard li kienet tirċievi r-rikorrenti, għandu jiġi milqugħ. Id-Direttur Ġenerali intimat ħassu aggravat b'dik id-deċiżjoni u qiegħed iressaq dan l-appell minnha.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti ressqet appell quddiem l-Arbitru wara deċiżjoni li ħa d-Direttur Ġenerali intimat fil-konfront tagħha fis-17 ta' April, 2018, fejn hija kienet ġiet mgħarrfa li ma kinitx aktar intitolata għall-Għajnuna għall-Mard (SKA) minħabba li f'isimha kellha kapital li jeċċedi l-erbatax-il elf Euro (€14,000). Id-Direttur Ġenerali intimat ħa din id-deċiżjoni wara li rriżultalu li mill-prova dwar l-assi bankarji tar-rikorrenti u mill-*causa mortis* li saret wara li ġie nieqes Gaetano Buttigieg, ir-raġel tar-rikorrenti, ir-rikorrenti għandha total ta' kapital li jeċċedi l-massimu permess mil-liġi sabiex tibqa' tikkwalifika għall-imsemmija għajnuna.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti fl-appell tagħha lill-Arbitru, spjegat li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat hija waħda infondata fil-fatt u fid-dritt. Qalet li minkejja li jirriżulta li l-intimat ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li hija wirtet porzjon raba' fl-inħawi tal-Kunċizzjoni, ir-Rabat, din il-porzjon indiviżibbli ta' art ma ġietx ivvalutata mid-Direttur Ġenerali intimat. Spjegat li fil-fatt din il-

porzjon indiviża ta’ raba’ la tista’ tinħadem, la tista’ tiġi żviluppata, u hija tajba biss biex wieħed imur iqatta’ ftit ħin fiha bħala passatemp. F’dan ir-rigward, ir-rikorrenti ressqet stima tal-Perit Charles Buhagiar, li spjega li minħabba r-raġunijiet imsemmija, il-valur tal-art mhuwiex wieħed għoli. Ir-rikorrenti kompliet tgħid li minkejja li din l-art ingħatat valur għall-fini ta’ denunzja wara li ġie nieqes ir-raġel tagħha, fil-verità fil-familja tagħha dejjem kien hemm għarfien li din l-art ma fiha l-ebda valur reali minħabba li m’għandha potenzjal ta’ xejn. Qalet li għalhekk id-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali intimat ma tistax titqies li hija ġustifikata, għaliex hija ma tistax tgħix minn fuq din l-art, jew tibni fuqha jew inkella tiġġenera xi forma ta’ qligħ għaliha permezz tagħha.

4. Id-Direttur Ġenerali intimat sostna l-pożizzjoni tiegħu li meta wieħed jieħu konsiderazzjoni tal-valur ta’ din l-art, il-valur tal-assi tar-rikorrenti xorta waħda jeċċedu l-massimu permess mil-liġi, jiġifieri erbatax-il elf Euro (€14,000). Id-Direttur Ġenerali intimat spjega li r-rikorrenti kienet ilha intitolata għall-Għajnuna għall-Mard mis-16 ta’ Marzu, 2018, u din l-assistenza twaqqfitilha wara li ġie stabbilit li din kellha kont bankarju ieħor li ma kienx dikjarat fl-applikazzjoni oriġinali tagħha, u li hija kellha f’isimha sehem mir-raba’ imsemmi b’mod li l-valur tar-riżorsi kapitali tagħha jeċċedi l-erbatax-il elf Euro (€14,000).

5. Ir-rikorrenti ppreżentat kopja tal-istima tar-raba’ imsemmi li saret mill-Perit Charles Buhagiar għall-konsiderazzjoni tal-Arbitru, minn fejn jirriżulta li din l-art fiha kejl komplessiv ta’ 890 metri kwadri, u r-rikorrenti għandha

sehem ta' ħamsa minn tmienja (5/8). Il-Perit Buhagiar ikkonkluda li meta wieħed jikkonsidra d-daqs, il-post, u l-kundizzjoni ta' din l-art, il-valur tagħha huwa ta' €13,500. Fl-*affidavit* tagħha, ir-rikorrenti spjegat li Gaetano Buttigieg kien ir-raġel tagħha, u li huma kellhom tlett itfal, li lkoll wirtu sehem indiviż minn dan ir-raba'. Qalet li l-art li d-Direttur Ġenerali intimat ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuqha, tinsab 'il barra mill-konfini tal-iżvilupp, u ma tistax tinħadem għaliex hija art xagħri miksija bil-blat. B'riferiment għall-flus bankarji li għandha f'isimha, ir-rikorrenti qalet li l-flus li kellha l-bank huma flus imfaddla minnha, u minnhom hija tieħu ħsieb li tħallas il-kera, l-ikel u l-mediċini, u għalhekk għandha bżonnhom għall-għajxien tagħha. Ulied ir-rikorrenti lkoll ikkonfermaw dak li qalet ommhom fl-*affidavits* rispettivi tagħhom. **Stephen Angelo Buttigieg** spjega li din l-art ma fiha l-ebda valur għall-familja tar-rikorrenti, tant hu hekk li huma rari jmorru fiha, u dejjem tħalliet mitluqa. Dan ix-xhud qal li hu u l-kumplament tal-familja kienu sorpriżi ferm meta n-Nutar li għamel id-denunzja ta' missierhom infurmahom li kellhom jiffissaw valur għal din l-art, għaliex huma dejjem qiesu li ma kellhom l-ebda gwadann minn din l-art. It-tfal l-oħra tar-rikorrenti, **Alexandra Giordmaina** u **Joseph Buttigieg**, ilkoll ikkonfermaw din il-verżjoni tal-fatti fl-*affidavits* rispettivi tagħhom.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Lulju, 2020, l-Arbitru ddeċieda:

> *"L-appell huwa fil-konfront tad-deċiżjoni tad-Direttur datat 17 ta' April, 2018 fejn id-Direttur kien iddikjara illi l-appellanti ma kinitx intitolata għall-Għajnuna Medika (SKA) billi l-kapital kien jeċċedi l-massimu ta' €14,000.*

*L-appell kien fuq il-fatt illi, skont l-appellanti, ir-raba' ma jinħadimx u ma tieħu xejn minnu kif ukoll huwa* green area*. Dwar l-ammont ta' €10,205.34 dawn huma hemm biex l-appellanti setgħet tgħix u infatti kienu ġia naqsu.*

*Id-Direttur fir-risposta tiegħu spjega illi l-benefiċċju twaqqaf għaliex minn* causa mortis *tal-appellanti u stħarriġ li għamel id-Dipartiment (*capital upload*) irriżulta li l-appellanti kellha kont bankarju ieħor ma' dak minnha ddikjarat u l-valur kapitali tar-raba' tagħha flimkien jaqbżu l-valur massimu tar-riżorsi kapitali.*

*Fil-kors tal-appell l-appellanti ppreżentat* affidavits*.*

*Fl-*affidavit *ta' Joseph Buttigieg hemm spjegat illi l-art in mertu ma għandha l-ebda valur reali peress illi hija kollha xagħri u fl-istess waqt ma tistax tinbena. Ma jista' jsir ebda użu minnha. Ħadd mill-familja ma għandu xi forma ta' dħul minnha. Infatti fid-denunzja tal-wirt ta' missierhom din l-art lanqas biss ingħatat valur għaliex fil-verità l-art ma għandha potenzjal ta' xejn.*

*Alexandra Giordmaina née Buttigieg ukoll spjegat li l-art in kwistjoni ma fiha ebda valur reali u qatt ma nħadmet u ma jista' jinbena xejn fuqha.*

*Stephen Angelo Buttigieg, ma' dawn il-fatti, żied illi meta marru għand in-nutar għad-denunzja kienu sorpriżi li l-art kellha tingħata valur għax fil-verità ma għandha valur ta' xejn. Filfatt taw valur biex ikunu jistgħu jagħmlu denunzja u ma kienu ħadu ebda parir dwar dan il-valur.*

*Fl-*affidavit *tagħha l-appellanti kkonfermat l-istess fatti iżda żiedet li l-flus li għandha l-bank huma hemm biex tgħix bihom. Tħallas il-kera, kontijiet tad-dawl u ilma, tixtri x'tiekol u anki mediċini. Infatti l-ammont fil-kont naqas miż-żmien li ħarġet l-ittra l-ammont fil-bank naqas.*

*Il-Perit Charles Buhagiar għamel* affidavit *ai fini ta' valorizzazzjoni tal-art in kwistjoni. F'dan l-*affidavit *ingħata valur ta' €13,500.*

*Fis-sottomissjonijiet relattivi magħmula mill-konsulent legali tal-appellanti dawn il-fatti ġew spjegati u billi d-Dipartiment ma ressaq ebda prova dwar il-valur tal-art, id-deċiżjoni tad-Dipartiment kienet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet infondati.*

***Ikkunsidra***

*Il-fatti ta' dan l-appell huma ċari. Nistgħu noqogħdu fuq l-*affidavit *tal-Perit Buhagiar li spjega li l-art in kwistjoni għandha valur ta' €13,500. Jekk ma' dan jiżdied l-ammont fil-kontijiet bankarji jinqabeż sew il-massimu permess mil-liġi ta' €14,000 fil-każ in kwistjoni.*

*Iżda, il-kwistjoni hija oħra. L-art in kwistjoni huwa stabbilit li għandha valur ta' €13,500. Minn dan l-appellanti għandha proprjetà ta' kwart indiviż u għalhekk l-art (għaliha) tiswa €3,375. L-ammonti li l-appellanti kellha fil-bank huwa b'total ta' €10,205.34 li flimkien iġibu l-ammont ta' €13,580.34. Dan l-ammont jibqa' taħt il-massimu ta' €14,000.*

*Għaldaqstant l-appell jistħoqqlu li jiġi milqugħ u b'hekk id-deċiżjoni tad-Direttur għandha tiġi mħassra sabiex l-appellanti tkun intitolata għall-għajnuna medika in mertu.*

**<u>L-Appell</u>**

7. Id-Direttur Ġenerali appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fis-6 ta' Awwissu, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tat-8 ta' Lulju, 2020 u konsegwentement tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tas-17 ta' April, 2018. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru għaliex fil-fehma tiegħu dan naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi. Spjega li l-Arbitru kien korrett meta kkonsidra li l-massimu ta' mezzi kapitali li l-appellanta jista' jkollha sabiex tkun tista' tibbenefika mill-Għajnuna għall-Mard huwa ta' erbatax-il elf Euro (€14,000), u l-artikolu 1(a) tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda għall-Kap. 318 jipprovdi li fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet ta' dan it-tip ta' benefiċċju, għandu jittieħed il-valur ta' kull proprjetà tal-membri kollha tal-familja, għajr għad-dar ta' residenza tagħhom. L-appellant spjega li għall-fini ta' dan l-artikolu, jrid jittieħed qies ukoll tal-flus fil-bank u tal-flus fl-idejn tal-membri kollha tal-familja, u li f'dan il-każ l-appellata hija meqjusa li tifforma

familja għal rasha. L-appellant qal ukoll li huwa jifhem li bħala qorti ta' reviżjoni, din il-Qorti bħala regola m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Arbitru, għajr f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn li kieku ma jsirx dan, tkun ser tiġi kkaġunata inġustizzja manifesta, jew fejn jirriżulta li d-diskrezzjoni ġiet użata ħażin. B'riferiment għall-provi li tressqu quddiem l-Arbitru, l-appellant qal li l-appellata ddikjarat biss żewġ kontijiet bankarji fl-applikazzjoni oriġinali tagħha sabiex tikkwalifika għall-Għajnuna għall-Mard, u f'dik l-applikazzjoni hija naqset milli tindika li kienet proprjetarja ta' xi sehem mir-raba' inkwistjoni. Żied jgħid li mill-provi jirriżulta li l-appellata kellha t-total ta' €11,242.45 iddepożitati f'żewġ kontijiet bankarji fix-xhur qabel ittieħdet id-deċiżjoni li jitwaqqfilha l-benefiċċju, u mir-riċerki li saru, irriżulta li din wirtet sehem indiviż minn porzjon art magħrufa bħala 'Ix-Xagħra tal-Laġin' fil-limiti tal-Kunċizzjoni, u l-valur tan-nofs indiviż li kien jappartjeni lil Gaetano Buttigieg minn din l-art kien ta' €27,500, kif iddikjarat fil-*causa mortis* esebita. L-appellant spjega li n-Nutar Dr Jean Paul Farrugia ħejja dikjarazzjoni oħra fid-29 ta' Novembru, 2017, u kuntratt ta' bejgħ u donazzjoni tad-19 ta' Lulju, 2017 fir-rigward tal-garaxx bl-isem "Landa" li jinsab fil-limiti tal-Landrijiet, limiti tar-Rabat, għalkemm żied jgħid li din id-dikjarazzjoni u dan il-kuntratt bl-ebda mod ma influwenzaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tas-17 ta' April, 2018. L-appellant qal li l-appellata ppreżentat kopja tal-istima tal-Perit Charles Buhagiar fir-rigward ta' din l-art, fejn jintqal li din l-art hija waħda agrikola, tinsab barra mill-konfini tal-iżvilupp, u fuqha m'hemm l-ebda strutturi. L-appellant għamel riferiment għall-*affidavits* tal-appellata u ta' wliedha, li lkoll ikkonfermaw li din l-art m'għandhiex valur għalihom minħabba li ħadd mill-familja ma jagħmel użu minnha. L-appellant qal li l-Arbitru però ma kienx

korrett meta kkonsidra li l-appellata għandha biss is-sehem ta’ kwart indiviż minn din l-art, għaliex mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li s-sehem tagħha minn din l-art hu ta’ ħames partijiet minn tmienja (5/8). L-appellant qal ukoll li huwa jsibha ferm diffiċli jemmen li l-valur ta’ din l-art fis-suq huwa ta’ €13,500, u dan minħabba li fid-dikjarazzjoni *causa mortis,* is-sehem indiviż li Gaetano Buttigieg kellu minn din l-art kien ġie stmat li jiswa €27,500, li jfisser għalhekk li l-valur tal-intier ta’ din l-art huwa ta’ €55,000. Qal li għalhekk huwa ferm diffiċli li jitwemmen li porzjon art ta’ 890 metri kwadri li fis-sena 2017 ġiet ġie stmat li jiswa €55,000, għaliex is-sehem tan-nofs indiviż ta’ Gaetano Buttigieg ġie stmat li kellu valur ta’ €27,500, f’inqas minn sentejn tiġi stmata li tiswa €13,500. L-appellant qal li anki li kieku wieħed kellu jikkonsidra l-istima l-aktar baxxa mogħtija mill-appellata, jiġifieri l-istima tal-Perit Charles Buhagiar, għandu jirriżulta li s-sehem tal-appellata minn din l-art għandu valur ta’ €8,437.50, ħames partijiet minn tmienja ta’ €13,500. Qal li dan l-ammont magħdud mal-ammont li l-appellata għandha ddepożitat fil-kontijiet bankarji tagħha, jammonta għal €18,642.84, liema ammont jeċċedi l-limitu ta’ erbatax-il elf Euro (€14,000) stabbilit mill-Kap. 318. L-appellant żied jgħid li meta l-appellata applikat għall-Għajnuna għall-Mard, din naqset milli tagħti informazzjoni korretta lid-Dipartiment, għaliex naqset milli tiddikjara li hija għandha sehem mill-imsemmija art. Kompla jgħid li b’dan in-nuqqas tagħha, l-appellata kisret l-obbligu ta’ fiduċja li hija kellha fil-konfront tal-Istat. L-appellant qal li l-abbużi ma jistgħux jiġu ttollerati, u huwa għandu l-obbligu li jimxi ma’ dak li tipprovdi l-liġi. L-appellant qal li ladarba ġie stabbilit li l-kapital tal-appellata jeċċedi l-massimu stabbilit bil-liġi sabiex hija tkun tista’ tibbenefika mill-Għajnuna għall-Mard, la l-Arbitru u lanqas din il-Qorti ma

jistgħu jwarrbu d-deċiżjoni tiegħu, għaliex din ittieħdet wara konsiderazzjoni tal-materjal probatorju kollu li huwa kellu għad-dispożizzjoni tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mill-appellant. L-appellata ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant, għalkemm għamlet sottomissjonijiet verbali waqt it-trattazzjoni mill-avukat difensur tagħha. Il-proċeduri odjerni nbdew wara li id-Direttur Ġenerali appellant irriżultalu li l-appellata kellha total ta' kapital, bejn flus iddepożitati u kapital ieħor, li jeċċedi l-massimu ta' erbatax-il elf Euro (€14,000) permessi mil-liġi biex wieħed ikun jista' jikkwalifika għall-Għajnuna għall-Mard. L-appellata appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali, li kkonsidra l-provi kollha prodotti quddiemu u wasal għall-konklużjoni li l-appellata m'għandhiex kapital li jeċċedi l-massimu permess mil-liġi, u għalhekk għandha tkompli tingħata dan il-benefiċċju.

9. L-appellant ibbaża l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tal-Arbitru fuq l-aggravju li l-Arbitru naqas milli jagħmel evalwazzjoni korretta tal-provi li kellu quddiemu. Din il-Qorti għamlet l-evalwazzjoni tagħha tal-provi li ġew ippreżentati quddiem l-Arbitru. L-appellata u wliedha jallegaw li din l-art għalihom m'għandha valur ta' xejn, għaliex din m'għandhiex il-potenzjal li tiġi żviluppata jew li tinħadem għal skopijiet agrikoli, jew għaliex l-appellata m'għandha l-ebda introjtu minn din l-art. Il-Qorti tirrileva li kull porzjon art, hi fejn hi, għandha valur reali, anki jekk tkun art xagħri jew art li pereżempju

tista' tintuża biss għal skopijiet ta' twessigħ ta' toroq eżistenti, jew minn min għandu d-delizzju tal-kaċċa. Anki jekk jirriżulta li l-appellata ma tistax tgħix minn din l-art għaliex ma tistax tintuża għal skopijiet agrikoli, jew għall-bini, huwa fatt magħruf li f'pajjiż bħal Malta dejjem ser ikun hemm min hu interessat li jikri jew jakkwista biċċa art fil-kampanja, anki għal skopijiet ta' passatemp. Kull porzjon art għandu valur reali, kif jirriżulta mill-istima mogħtija mill-Perit Buhagiar innifsu, li stabbilixxa li l-valur tal-art inkwistjoni huwa ta' €13,500, u għalhekk l-appellata mhijiex korretta meta tinsisti li din l-art m'għandha valur ta' xejn, sempliċiment għaliex m'għandha l-ebda użu għaliha jew għall-familja tagħha.

10. Barra minn hekk, mill-atti jirriżulta li l-appellata għandha sehem ta' ħamsa minn tmienja (5/8) minn din l-art, u mhux is-sehem ta' kwart indiviż kif ikkonkluda l-Arbitru. Dan jirriżulta kemm mid-dikjarazzjoni tan-Nutar Jean Paul Farrugia tal-1 ta' Diċembru, 2017, kif ukoll mid-dikjarazzjoni *causa mortis* tad-19 ta' Lulju, 2017, u għalhekk hemm żball ovvju fil-konsiderazzjonijiet li għamel l-Arbitru sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Anki li kieku wieħed kellu jibbaża l-valur tal-art fuq l-istima tal-Perit Buhagiar, jiġifieri komputazzjoni ta' ħamsa minn tmienja minn €13,500, il-valur ta' din l-art li l-appellata għandha f'isimha jammonta għal €8,437.50, li meta magħdud mal-ammont ta' aktar minn għaxart elef Euro li l-appellata kellha ddepożitati f'isimha meta ttieħdet id-deċiżjoni tal-appellant, iwassal għall-konklużjoni li l-appellata għandha riżorsi kapitali li jeċċedu l-limitu ta' erbatax-il elf Euro (€14,000) stabbiliti mil-liġi. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant huwa ġustifikat, u tilqgħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi filwaqt li tilqa' l-aggravju tal-appellant, tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tikkonferma d-deċiżjoni tal-appellant Direttur Ġenerali tas-17 ta' April, 2018.**

**Spejjeż tal-proċeduri arbitrali u ta' dan l-appell a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**